# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta' Ottubru 2014**

**dwar miżura meħuda mill-Ġermanja f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE li tirtira mis-suq u tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-ilbies għall-ħarsien mis-sħana "Hitzeschutzazung FW Typ 3"**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 7977)*

(2014/760/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) F'Jannar tal-2014, l-awtoritajiet Ġermaniżi nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar miżura ta' rtirar mis-suq u projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-mudell ta' lbies għall-ħarsien mis-sħana "Hitzeschutzanzug FW Typ 3" immanifatturat minn KONTEX Textile Hitze- und Isolierprodukte GmbH, Olgastrasse 46-48, 73614 Schorndorf (il-Ġermanja). Il-prodotti kellhom il-marka CE, skont id-Direttiva 89/686/KEE dwar l-apparat personali protettiv, wara li ġew ittestjati u eżaminati skont it-tip skont l-istandard armonizzat EN 1486:2007 *Ilbies protettiv għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar — Metodu tat-test u rekwiżiti għall-ilbies riflettiv għat-tifi tan-nar speċjalizzat*.

(2) Ilbies protettiv għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar huwa tagħmir protettiv personali (TPP) ikklassifikati bħala Kategorija taċ-Ċertifikazzjoni III. TPP ta' dan it-tip, li huwa ddiżinjat biex iħares kontra perikli fatali jew riskji serji u irriversibli għas-saħħa, li l-manifattur jassumi li -utent mhux se jkun kapaċi li jagħraf l-effetti diretti tagħhom fil-ħin, huma soġġetti għal eżaminazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE u verifika tal-garanzija tal-kwalità KE mill-korp notifikat ikkummissjonat mill-manifattur.

(3) L-awditu mwettaq mill-Institut für Arbeitsschutz der Deutschen Gesetzlichen Unfallversicherung (IFA — *L-Istitut għas-Saħħa Okkupazzjonali u s-Sikurezza tal-Fond Statutorju ta' Assigurazzjoni tal-Inċidenti Ġermaniż*) f'St Augustin (referenza tat-test 2013 22805, is-7 ta' Awwissu 2013) wera li l-valuri għat-trasferiment tas-sħana (sħana radjanti) taħt it-Taqsima 6.2 u t-trasferiment tas-sħana (sħana konvettiva) taħt it-Taqsima 6.3 tal-istandard armonizzat imsemmi hawn fuq ma ntlaħqux. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti bażiċi ta' saħħa u sigurtà li ġejjin, stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 89/686/KEE ma ntlaħqux:

— 3.6.1 *Materjali li minnhom huwa magħmul it-TPP u komponenti oħra*;

— 3.6.2 *TPP komplut lest għall-użu*.

(4) Bħala konsegwenza, l-ilbies għall-ħarsien mis-sħana jippreżenta r-riskju li jittrasferixxi s-sħana waqt it-tifi tan-nar, u dan iwassal biex il-ħaddiema tat-tifi tan-nar ikunu esposti għal ħarqiet li jheddu l-ħajja jew għar-riskju li jmutu bil-ħruq.

(5) Fl-opinjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi, peress li r-rekwiżiti bażiċi rilevanti dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà mhumiex sodisfatti u l-ebda ċertifikat ta' eżaminazzjoni tat-tip KE validu ma ġie ppreżentat, l-ilbies għall-ħarsien mis-sħana ma jistax jitqiegħed fis-suq. Fil-fatt, l-ilbies għall-ħarsien mis-sħana ma jilħaqx ir-rekwiżiti tal-Ordni Ġermaniża dwar it-tqegħid fis-suq ta' tagħmir protettiv personali (it-8 ProdSV) u l-użu tiegħu jpoġġi fil-periklu s-sikurezza, is-saħħa u l-ħajja tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar u persuni oħra.

(6) Il-Kummissjoni kitbet lill-manifattur u stednitu jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi. S'issa għadha ma waslet l-ebda tweġiba.

(7) Fid-dawl tad-dokumentazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li l-ilbies għall-ħarsien mis-sħana Hitzeschutzanzug FW Typ 3 naqas milli jikkonforma mal-klawżoli § 6.2. u § 6.3 tal-istandard armonizzat EN 1486:2007 imsemmi fir-rekwiżiti bażiċi tas-saħħa u s-sigurtà 3.6.1 *Materjali li minnhom huwa magħmul it-TPP u komponenti oħra* u 3.6.2 *TPP komplut lest għall-użu*. stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 89/686/KEE,

([1]) ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżura meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi, li tikkonsisti fl-irtirar mis-suq u l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-ilbies għall-ħarsien mis-sħana Hitzeschutzanzug FW Typ 3 manifatturati minn KONTEX Textile Hitze- und Isolierprodukte GmbH, hija ġustifikata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Ferdinando NELLI FEROCI
*Membru tal-Kummissjoni*